7 ta' April, 1951.
Imħallef:
L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.
Il-Pulizija *versus* Joseph La Rosa

**Estetika — "Nameplates" (Pjanċi) — "Signboards" (Tabelli) — Art. 14 tal-Kap 139 — Notifikazzjoni tal-Gvern nru. 441 ta' l-1935.**

*Il-Liġi dwar l-Estetika tal-Bini teżenta mill-bżonn tal-permess tal-Board ta' l-Estetika n-"nameplates" u s-"signboards" li jkunu taħ-daqs, għoli u post imsemmijin fir-Regolamenti.*

*"Nameplates" huma l-pjanċi; "signboards" huma t-tabelli, li huma differenti mill-ħajt u stakkati mill-ħajt, għalkemm jistgħu jkunu mwaħħlin miegħu.*

*Skop evidenti tal-liġi hu dak li tagħmel kontroll fuq l-avviżi permanenti miżbugħa fuq il-ħitan; u għalhekk il-kitba miżbugħa fuq il-ħitan mhix eżentabili mill-permess tal-Board ta' l-Estetika.*

Fuq l-akkuża tal-Pulizija kontra l-imputat talli l-Gżira, fl-aħħar tliet xhur ta' qabel it-taħrika, kiser il-provvedimenti tan-Notifikazzjoni tal-Gvern 441 ta' l-1935, billi espona avviż permanenti mal-ħajt tal-Fattorija tal-Buttuni, li jidher mit-toroq pubbliċi, mingħajr il-permess meħtieġ tal-Board ta' l-Estetika, il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja ta' Malta, b'sentenza tas-27 ta' April 1950, illiberat lill-imputat, fuq il-konsiderazzjoni li dak l-avviż jinsab fuq il-"ground-floor" u mhuwiex akbar mill-bieb li hu fuqu, u l-wisa' tiegħu mhix akbar minn kwint tal-bieb;

L-Attorney General appella minn dik is-sentenza quddiem dina l-Qorti;

Il-Qorti għamlet aċċess fuq il-post..........;

Il-fatt li skond l-appellant jikkostitwixxi r-reat, kif ġie indikat fir-rikors ta' l-appell, jikkonsisti filli l-imputat żebagħ jew ġiegħel li jinżebgħu l-ittri "GEECEE" fuq il-ħajt ta' l-imsemmija fabbrika, b'mod viżibili mit-triq publika. Fuq fatti oħrajn konnessi ma' dak li ssemma ma hemmx appell; u għalhekk il-Qorti tillimita ruħha fuq dak il-fatt partikulari. U tabilħaqq, il-liġi trid, taħt il-piena tan-nullità tar-rikors ta' l-appell, l-espożizzjoni tal-fatti, u għalhekk, in kwantu għall-fatti rilevanti kostitwenti r-reat, iżda mhux indikati fir-rikors, ma jistgħux jiġu meħuda in konsiderazzjoni mill-Qorti; għax in rigward tagħhom ir-rikors ta' l-appell, u għalhekk l-appell, huwa inattendibili;

Irriżulta li l-kliem fuq imsemmija huma insenja tal-fabbrika, u jinsabu miżbugħa direttament fuq il-ġebla tal-ħajt fuq bieb fil-pjan terran. Il-wisa' ta' l-insenja hija l-wisa' tal-bieb, u l-għoli mhux iżjed minn kwint tal-għoli tal-bieb. Dik l-insenja tinsab miżbugħa fuq parti tal-ħajt, imdawra bi speċi ta' gwarniċa tal-ġebel stess, qisha panewa. Mhuwiex kontestat li, qabel ma żebagħ dik l-insenja fuq il-ħajt, l-imputat ma ħax il-permess tal-Board ta' l-Estetika;

Il-liġi teżenta mill-bżonn tal-permess tal-Board ta' l-Estetika n-"nameplates" u t-tabelli ("signboards") tad-daqs, għoli u post imsemmija fir-regolamenti. Kwantu għad-daqs, għoli u post, l-insenja in kwistjoni tikkorrispondi għar-rekwiżiti meħtieġa għall-eżenzjoni fuq imsemmija. Iżda l-appellant jippretendi li darba l-insenja tinsab miżbugħa direttament fuq il-ħajt, la hija "nameplate" u lanqas "signboard", u għalhekk mhix eżentabili mill-permess tal-Board ta' l-Estetika;

In-"nameplate" hija l-pjanċa; u t-tabella ("signboard") hija ħaġa differenti mill-ħajt, u stakkata mill-ħajt, għalkemm tista' tkun imwaħħla mal-ħajt. Evidentement il-liġi trid il-kontroll fuq l-avviżi permanenti miżbugħa fuq il-ħitan; u li għall-finijiet ta' l-eżenzjoni l-liġi ma tinkludix il-kitba fuq il-ħajt jidher ċar mill-fatt li l-liġi stess tagħmel differenza bejn pjanċi, tabelli, u mezzi oħrajn, u preċiżament il-kitba fuq

il-ħajt huwa mezz iehor u differenti minn pjanċa jew tabella. Fil-każ preżenti, għall-finijiet prattiċi u estetikament, il-kitba ftit jew xejn ma tista' tagħmel differenza, għax ma tkerrah xejn; iżda ġuridikament-teknikament l-imputat kiser il-liġi;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti tilqa' l-appell u tirrevoka s-sentenza appellata fil-kap devolut fl-appell, fis-sens li ntqal fuq, u tiddikjara lill-imputat ħati billi espona fuq il-ħajt tal-fattorija tiegħu l-avviż "GEECEE"; u għalhekk, wara li rat l-art. 14 Chap. 139 tal-Liġijiet ta' Malta, u n-Notifikazzjoni tal-Gvern 441/1935, *tikkundannah* għall-ammonizzjoni u riprensjoni, u tagħtih ħmistax-il ġurnata żmien biex jikkonforma ruħu mal-liġi rigward l-ittri fuq imsemmija, taħt penali ta' £2 kuljum fil-każ li *ma jobdix*.